MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Numru 122/2005

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Portelli u
Spettur Alexander Grech)

vs

Stephen Abdilla
Charles Gouder

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numri 457270(M) u 413372(M), akkuzati talli:

- nhar l-10 ta’ Frar 2005 gewwa l-Belt Valletta f’xi hin wara nofs in-nhar, ikkommettew serq ta’ diversi prodotti ta’ fwieha li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta’ Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond ‘Frank’s Perfumery’, Triq San Gwann ghad-dannu ta’ Lawrence Abela mill-Fgura, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;

- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé hsara fil-vetrina ta' l-imsemmi hanut, liema hsara teccedi Lm10 izda ma teccedix Lm50 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Lawrence Abela;

Lil Stephen Abdilla wahdu talli:

- bejn is-27 u d-29 ta' Novembru 2004 gewwa l-Belt Valletta, waqt li kien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' diversi prodotti ta' fwieha li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-istess fond u cioé 'Frank's Perfumery', Triq San Gwann ghad-dannu ta' Lawrence Abela, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u valur;
- fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioé hsara fil-vetrina ta' l-imsemmi hanut, liema hsara teccedi Lm10 izda ma teccediex Lm50 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Lawrence Abela;

Lil Charles Gouder wahdu talli:

- kiser il-provediment tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16 ta' Novembru, 2004 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess Artikolu;

Fl-ahharnett akkuzati wkoll talli saru recedivi b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat it-talba li l-kawza issir sommarjament mhux opposta mill-imputati;

Semghet ix-xhieda;

Semghet lill-imputati fis-seduta tat-23 ta' Frar 2009 jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqaw jinsistu anka wara li l-Qorti taghthom zmien jirrikonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi diretti kontra l-imputati huma ta' serq aggravat u hsara volontarja. Stephen Abdilla huwa akkuzat b'zewg serqiet entrambi aggravati bil-mezz u valur ukoll b'recidiva, waqt li Charles Gouder hu akkuzat b'serqa wahda talli kiser il-provediment ta' probation.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputati ssibhom hatja tar-reati migjuba kontra taghhom.

Rat l-Artikoli 261 (b) (c), 264, 267, 278, 279, 17, 49 u 50 tal-Kap 9 u Artikolu 22 tal-Kap 446.

Hadet in konsiderazzjoni l-fatt li r-refurtiva giet irkuprata.

Tikkundanna lill-akkuzat Stephen Abdilla ghal sena prigunerija u l-akkuzat Charles Gouder ghal 8 xhur prigunerija bit-tnaqqis ta' kull perjodu li l-akkuzati ghamlu taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------